**Nomina ta' Jesmond Cutajar bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżlanda**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu pajjiż bħall-Iżlanda?**

L-Iżlanda, bħal Malta, hija gżira Stat u għalhekk bħalna għandha bosta sfidi mqabbla ma' pajjiżi oħra.

Il-popolazzjoni tal-Iżlanda tlaħħaq 360,000 li 44,000 minnhom huma barranin f'medda ta' 103,000 kilometri kwadri. Il-GDP tal-pajjiż hu magħmul prinċipalment mit-turiżmu 39%, is-sajd 18% u 17% mill-produzzjoni tal-*aluminium*. Meta wieħed iqabbel il-GDP tal-Iżlanda mal-kumplament tal-pajjiżi l-oħra tad-dinja jsib li l-Iżlanda tinsab minn ta' quddiem. Il-GDP *per capita* jlaħħaq €60,362 (2019). B'din il-figura għolja l-Iżlanda tikklassifika fis-16-il post imqabbla mal-pajjiżi kollha tad-dinja.

L-Iżlanda kienet tifforma parti mir-Renju tad-Danimarka sakemm fl-1918 saret Stat għaliha u fl-1944 kisbet l-Indipendenza u saret Stat sovran bħal Malta b'sistema ta' gvern u President tar-Repubblika. Bħal Malta, l-Iżlanda tinsab f'pożizzjoni ġeografika u strateġika importanti bejn żewġ kontinenti u super potenzi, il-kontinent Amerikan u dak Ewropew, kif ukoll bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Russja.

<u>Il-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fil-politika Ewropea</u>

L-insularità tal-gżira dejjem kienet ta' sfida għall-Iżlanda, imma rnexxielha tibdel din l-isfida f'opportunità. Dan wassal biex illum l-Iżlanda hi minn ta' quddiem fil-politika ekonomika kif ukoll dik internazzjonali kemm fil-kontinent Ewropew kif ukoll f'kuntest globali.

Fl-1970, l-Iżlanda saret membru fil-European Free Trade Association (EFTA).

Fl-1972, l-Iżlanda għamlet ukoll ftehim bilaterali ma' dik li dak iż-żmien kienet European Economic Community (EEC) minħabba li tnejn minn kull tlieta tal-kummerċ barrani kien u għadu mal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea (UE).

Sa mill-1994, l-Iżlanda bdiet ukoll tifforma u tieħu sehem attiv bħala membru tal-European Economic Area (EEA).

Minkejja li l-Iżlanda mhix membru tal-Unjoni Ewropea hi kisbet ftehim fuq il-programm Schengen fid-19 ta' Diċembru 1996 u bdiet tħaddem u timplimenta l-programm Schengen b' mod sħiħ fil-25 ta' Marzu 2001.

L-Iżlanda tipparteċipa wkoll, iżda mingħajr ma għandha dritt għall-vot, f'diversi aġenziji u programmi tal-Unjoni Ewropea li jinkludu tisħiħ tal-intrapriżi, l-ambjent, l-edukazzjoni u r-riċerka.

L-Iżlanda applikat biex issir membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea f'Lulju 2009, u fis-17 ta' Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jibdew in-negozjati għas-sħubija. Fil-fatt, id-diskussjonijiet formali bejn l-Iżlanda u l-Unjoni Ewropea bdew fis-27 ta' Lulju 2010.

Sa sentejn wara, jiġifieri fil-ħames laqgħa teknika għad-dħul tal-Iżlanda bħala membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, kienu diġà saru avvanzi kbar fin-negozjati. Tant hu hekk, li minn 35 kapitlu għan-negozjati kienu diġà nfetħu 27 kapitlu u li minnhom, 11 kienu ġew magħluqa. Fl-isfond ta' dan kollu l-opinjoni pubblika aktar ma beda jgħaddi ż-żmien kienet qed tkun kontra li l-Iżlanda tissieħeb bħala pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea.

Kemm il-Gvern kif ukoll il-poplu Iżlandiż kienu tal-opinjoni li l-Iżlanda kienet diġà qed tgawdi minn ħafna vantaġġi minkejja li kienet tinsab barra mill-blokk Ewropew, u allura dan wassal biex fl-2013 il-Gvern issospenda l-applikazzjoni tal-Iżlanda milli tkompli fit-triq tas-sħubija sħiħa imma enfasizzaw li l-pajjiż għandu jkompli jaħdem aktar mill-qrib mal-Unjoni Ewropea.

Wieħed mill-fatturi li l-Iżlanda rat li aħjar ma tkunx membru tal-Unjoni Ewropea kien is-sajd fejn il-pajjiż għandu industrija b'saħħitha ħafna u li hi meqjusa bħala waħda mill-akbar. Din l-industrija kompliet tissaħħaħ wara li l-Iżlanda rnexxielha tirbaħ erba' gwerer fuq iż-żona tas-sajd għall-ħuta magħrufa bħala merluzz (*cod*) u li permezz ta' dawn imsejħa gwerer irnexxielha tkabbar iż-żona ekonomika esklussiva tas-sajd minn 4 mili nawtiċi għal dik li llum hi 200 mil nawtiku fejn huma biss is-sajjieda Iżlandiżi li jistgħu jistadu għal din il-ħuta u sajd ieħor.

<u>Sehem l-Iżlanda fil-qasam internazzjonali</u>

Matul l-2019 l-Iżlanda assumiet l-inkarigu li tmexxi l-Kunsill Nordiku għall-koperazzjoni fl-Artiku għal terminu ta' sentejn 2019-2021, bil-prijoritajiet ser ikunu fuq erba' temi prinċipali li huma:

- L-ambjent marittimu tal-Artiku
- Soluzzjonijiet għat-tibdil fil-klima u l-enerġija l-ħadra
- Persuni u komunitajiet
- Tisħiħ tal-Kunsill tal-Artiku.

Meta l-Iżlanda assumiet it-tmexxija tal-Kunsill Nordiku kisbet ukoll siġġu fuq il-bord tal-Bank Dinji biex tirrappreżenta lill-pajjiżi Nordiċi u Baltiċi.

L-Iżlanda assumiet ukoll li tippresiedi l-Kunsill tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-pajjiżi Nordiċi (Nordic 5) kif ukoll tal-Kunsill għall-Artiku u Baltiku (Nordic Baltic 8) għall-koperazzjoni bejn l-Istati Membri.

Fl-2018, l-Iżlanda ġiet eletta wkoll fuq il-Kunsill tal-Ġnus Magħquda għad-Drittijiet Umani u dan wassal ukoll biex assumiet il-kariga ta' Viċi-President fuq l-istess Kunsill.

Fl-1949, l-Iżlanda kienet wieħed mill-pajjiżi fundaturi tat-Trattat tal-Alleanza tat-Tramuntana (NATO). Fl-1951, l-Iżlanda għamlet ftehim ta' difiża mal-Istati Uniti tal-Amerka biex tkun imħarsa d-difiża nazzjonali. Illum, in-NATO tħares u tgħasses l-ispazju tal-ajru Iżlandiż.

L-Iżlanda hi membru wkoll tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) kif ukoll hi membru tal-Organizzazzjoni tal-Kummerċ Dinji (WTO).

L-isfidi tal-Iżlanda llum

L-isfidi eżistenti li għandha l-Iżlanda llum huma li tkompli tikseb investiment barrani ġdid f'oqsma bħalma huma International Data Centres u Intelliġenza Artifiċjali u tkompli taħdem fil-qasam tal-Innovazzjoni u r-Riċerka u l-Iżvilupp. Ma' dawn wieħed irid isemmi li qed isir sforz kemm mill-Gvern kif ukoll mill-industrija privata biex filwaqt li jkomplu jissaħħu t-turiżmu, is-sajd u l-industriji li diġà jeżistu, isir sforz biex il-pajjiż ikun aktar preparat għall-futur.

Għal dan il-għan, il-Prim Ministru tal-Iżlanda Katrin Jakobsdottir waqqfet kumitat tekniku, imsejjaħ is-Soċjetà Iżlandiża 2035-2040, biex jistudja kif is-soċjetà Iżlandiża ser tkun qed tirrispondi għall-iżvilupp ekonomiku, l-ambjent fir-reġjun kif ukoll studju fuq il-popolazzjoni.

Sabiex l-Iżlanda tkun aktar effettiva fil-ħidma tagħha ġie mwaqqaf direttorat fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin biex jippromwovi aktar l-esportazzjoni u l-kummerċ u jkompli jiddiversifika l-industrija biex tkompli tattira investiment ġdid u jinħolqu impjiegi ġodda.

Hemm pjanijiet biex fuq medda taż-żmien l-Iżlanda tingħaqad mal-grid Ewropew tal-enerġija bil-ħsieb li 'l quddiem tkun tista' tesporta parti mill-enerġija rinovabbli li tipproduċi kemm permezz ta' impjanti *geothermal* kif ukoll minn dawk li jaħdmu bil-*hydro power*.

Qed isir sforz fil-qasam edukattiv biex in-numru ta' gradwati jiżdied bil-għan li l-industriji preżenti kif ukoll dawk futuri jsibu l-ħaddiema bil-ħiliet neċessarji għal dawn l-industriji.

Sfida ta' kull pajjiż hija li jżomm dak li jkun kiseb u jipprova jtejjeb ir-riżultati miksuba. L-Iżlanda, fl-2018, ġiet klassifikata l-24 minn 140 pajjiż fil-Global Competitiveness Report tal-Bank Dinji. Biex din il-mira tinżamm jew tiġi mtejba l-Iżlanda jeħtieġ li żżomm ir-rata tad-dejn baxxa (41.1%, tal-GDP, 2018) kif ukoll tkompli tnaqqas ir-rata ta' dawk bla xogħol (2.7%, 2018).

2. **Malta qajla għandha relazzjonijiet mal-Iżlanda. Kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu r-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali, politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi, rispettivament?**

Rabtiet ekonomiċi u kummerċjali:

M'hemmx volum kbir ta' kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi; fil-fatt, l-esportazzjoni minn Malta matul 2018 kienet €27,810 filwaqt li l-importazzjoni mill-Iżlanda ammontat għal €850,207. Fattur li żgur jinfluwenza din ix-xejra baxxa ta' kummerċ hi d-distanza li teżisti bejn iż-żewġ gżejjer Stati. Konnessjonijiet bl-ajru għadhom ma jeżistux lanqas. Hawn tajjeb insemmi li Malta u l-Iżlanda għandhom ftehim ta' ħelsien mit-taxxa doppja li ġie ffirmat fl-2004. Naħseb li wasal iż-żmien li tiġi mwaqqfa kamra tal-kummerċ bejn Malta u l-Iżlanda biex it-tnejn flimkien jesploraw fejn jistgħu jikkoperaw fil-kummerċ bejn iż-żewġ gżejjer Stati.

Għalhekk jekk niġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta għall-Iżlanda ser inkun qed inħeġġeġ biex entitajiet Maltin bħal Trade Malta, Finance Malta, Malta Enterprise u l-MTA jorganizzaw attivitajiet ta' promozzjoni biex jiġi mkattar interess mis-settur privat Iżlandiż.

Il-linja nazzjonali tagħna l-Air Malta tiġi mħeġġa wkoll li tiftaħ diskussjonijiet mal-linja nazzjonali Iżlandiża biex jintlaħaq ftehim ta' koperazzjoni bejniethom. Il-fatt li l-Iżlanda hi parti mill-ftehim Schengen jgħin biex it-turiżmu bejn iż-żewġ gżejjer jista' jiżdied.

Rabtiet politiċi u soċjali:

Ir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u l-Iżlanda ġew stabbiliti fit-3 ta' Lulju 1998. Kuntatti oħra politiċi kienu ż-żjara li l-E.T. Stefán Haukur Jóhannesson, Ambaxxatur tal-Iżlanda għal Malta li huwa bbażat f'Londra, għamel lill-Ispeaker tal-Parlament Malti fl-2018. Saret żjara wkoll minn dak li kien Prim Ministru Iżlandiż David Gunnlaugsson biex jipparteċipa fil-Valletta Summit for Migration (EU-Africa Summit) fl-2015.

Kien hemm ukoll żewġ żjarat mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca fl-2017 u l-2018, fejn attendiet għal forum globali ta' mexxejja nisa, u anke iltaqgħat mal-President Iżlandiż l-E.T. Gudni Th. Johannesson.

Minn informazzjoni li għandi huma biss żewġ ċittadini Maltin li jgħixu b'mod permanenti fl-Iżlanda.

Minkejja li l-kuntatti diretti bejn iż-żewġ pajjiżi kienu minimi, jiena nemmen li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ gżejjer Stati jistgħu jissaħħu issa li Malta ser tkun qed taħtar għall-ewwel darba ambaxxatur mhux residenti għall-Iżlanda. Għandu jsir sforz biex naħdmu flimkien fil-fora internazzjonali, u nagħmlu sforz biex insaħħu r-rabtiet politiċi, soċjali u ekonomiċi ta' bejnietna.

3. **X'taħseb li għandhom ikunu l-ewwel niċeċ ekonomiċi li nistgħu nsibu sinerġiji dwarhom ma' dan il-pajjiż?**

Naħseb li hemm bosta oqsma li fihom Malta u l-Iżlanda jistgħu jikkoperaw flimkien. It-turiżmu huwa wieħed mill-pilastri tal-Iżlanda. Nixtieq li fl-immedjat nibdew taħditiet mal-linja nazzjonali Iżlandiża biex din tibda tinkludi lil Malta fl-iskeda tagħha. Jekk dan isir, ikun ta' benefiċċju għal Malta għaliex il-konnessjoni bejn Reykjavic u New York hi l-iqsar bħala distanza u ħin. Dan jista' jservi biex kemm Malta kif ukoll l-Iżlanda jsiru ċentru biex jgħaqqad il-kontinent Afrikan kif ukoll il-Lvant Nofsani.

Aspett ieħor li naħseb nistgħu naħdmu fuqu hu t-tisħiħ u koperazzjoni bejn iż-żewġ universitajiet. L-Universitajiet tal-Iżlanda kif ukoll ta' Malta għandhom ċentri ta' studji fuq gżejjer żgħar li huma Stati. Diġà teżisti koperazzjoni bejn iż-żewġ ċentri universitarji u b'aktar għarfien il-koperazzjoni tista' tikber billi jkun hemm skambju ta' studenti u letturi b'mod aktar frekwenti.

Nistgħu wkoll nikkollaboraw fuq l-industriji tal-farmaċewtika fejn f'Malta diġà hawn industriji b'interess Iżlandiż.

Kif għidt aktar 'il quddiem f'waħda mit-tweġibiet li tajt, nara l-importanza li tiġi mwaqqfa kamra tal-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi biex flimkien naraw id-diversi oqsma ta' xogħol, speċjalment dak maħdum hawn Malta mis-*Small and Medium Enterprises* (SMEs).

Oqsma oħra li nistgħu nikkollaboraw flimkien huma: manifattura avvanzata, is-settur tas-servizzi, servizzi finanzjarji, avjazzjoni, industrija tal-films, settur marittimu, ICT, iGaming u Blockchain.

L-Iżlanda qiegħda minn ta' quddiem fil-qasam tad-*digital economy*, settur li Malta qed taħdem ħafna fuqu u jkun tajjeb li ż-żewġ pajjiżi jesploraw kif jistgħu jaqsmu l-esperjenzi u jaħdmu aktar flimkien f'dan is-settur.

**4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-Korp Diplomatiku?**

Jiena għandi *Masters* fid-Diplomazija u r-Relazzjonijiet Internazzjonali mill-Università ta' Lancaster (2013-2015). Minkejja dan, kemm qabel ma bdejt l-istudji universitarji tiegħi kif ukoll wara, dejjem bqajt insegwi mill-qrib ix-xena internazzjonali speċjalment dak li jiġri madwarna, bħal politika Mediterranja, dak li jiġri fil-kontinent Ewropew, u dak li jiġri fix-xena internazzjonali. Dawn jgħinuni nagħmel analiżi tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, insegwi ġurnali b'rabta mad-diplomazija u relazzjonijiet internazzjonali biex nibqa' aġġornat b'dak li jkun għaddej.

**5. Qatt ġejt assenjat f'ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Qatt ma kelli ħidma diretta f'ambaxxata però matul diversi konferenzi internazzjonali li saru Malta tajt sehem dirett bħala parti mill-organizzazzjoni u suċċess tagħhom.

Fil-fatt kif diġà elenkajt fil-*Curriculum Vitae* tiegħi ħadt sehem f'dawn:

Lead liaison officer, Valletta Summit for Migration (EU-Africa), Novembru 2015
Lead liaison officer, CHOGM, Novembru 2015
Liaison officer, Malta Presidency for the Council of the European Union, Jannar – Ġunju 2017
Liaison officer, Arraiolos Non-Executive Heads of States, Settembru 2017
Liaison officer, Our Ocean Summit, Ottubru 2017.

**6. X'inhuma, b'mod ġenerali, il-binarji li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?**

Naħseb li huwa importanti ħafna li jekk ningħata l-ħatra li nirrappreżenta lil Malta bħala Ambaxxatur mhux residenti għall-Iżlanda nibda bil-kuntatti biex inqarrbu liż-żewġ gżejjer Stati aktar viċin xulxin.

<u>Il-pjanijiet tiegħi huma:</u>

- Kuntatt bejn il-Parlamenti taż-żewġ Stati
- Kuntatt bejn iż-żewġ universitajiet
- Twaqqif ta' Kamra tal-Kummerċ Maltija – Iżlandiża
- Kuntatt bejn iż-żewġ linji tal-ajru.

Nesploraw kif jaħdmu l-kunsilli lokali u dawk reġjonali biex bħala żewġ pajjiżi żgħar naraw x'wieħed ikun jista' jaddotta mill-esperjenza tal-ieħor.

Naraw kif nistgħu nieħdu taħriġ mill-Iżlanda fuq l-enerġija l-ħadra fejn l-Iżlanda għamlet passi kbar f'dan il-qasam.

Turiżmu edukattiv fejn studenti jkunu jistgħu jiġu jitgħallmu l-lingwa Ingliża f'Malta.

Ftehim edukattiv u kulturali biex permezz ta' hekk inqarrbu aktar iż-żewġ popli biex japprezzaw il-kultura ta' xulxin. F'dan il-qasam nipproponi li jkun hemm skambju ta' żgħażagħ miż-żewġ pajjiżi kif ukoll skambju ta' korijiet li l-Iżlanda hi magħrufa għalihom.

7. **Hu fatt magħruf li l-Iżlanda għandha tradizzjoni qawwija ta' sajd sostenibbli. Tista' tgħidilna kif żviluppat din l-industrija matul is-snin u kif Malta tista' tibbenifika mill-esperjenza Iżlandiża?**

L-industrija tas-sajd fl-Iżlanda hija industrija kbira u li għandha storja twila marbuta magħha. Illum, iż-żona ekonomika esklussiva (EEZ) tal-Iżlanda tkopri 200 mil nawtiku u li huwa aċċettat internazzjonalment. Din iż-żona esklussiva kienet ġiet miżjuda matul is-snin wara diversi konflitti li l-Iżlanda kellha mar-Renju Unit, dik li baqgħet magħrufa minn kulħadd bħala l-Erba' Gwerer tal-*Cod*. Dan kollu ġara bejn l-1950 u l-1970 u kollox kien idur fuq min kellu dritt jistad partikolarment għal din il-ħuta fl-ibħra Iżlandiżi.

Matul din il-kwistjoni kollha l-Iżlanda dejjem għarfet tuża l-pożizzjoni strateġika u ġeografika tagħha u kien propju għalhekk li rnexxielha tikkonvinċi u tikseb dak li dejjem xtaqet. Dan l-akkwist kien possibbli għaliex l-Alleanza tat-Tramuntana (NATO) bdiet tibża' li setgħu jingħalqu l-bażijiet li kellha fuq il-gżira li kienu jintużaw bħala *search and rescue units* kif ukoll mezz ta' sorveljanza għas-sottomarini Sovjetiċi u dan kollu ġara fl-ambitu tal-Gwerra l-Bierda bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika. Il-pressjoni diplomatika li għamlet l-Alleanza tat-Tramuntana wasslet biex ir-Renju Unit iċedi t-talbiet li bdew jagħmlu l-Iżlandiżi.

Illum, l-industrija tas-sajd biex tkun waħda responsabbli u sostenibbli hi regolata mill-Ministeru tas-Sajd, mill-Marine Research Institute, mid-Direttorat tas-Sajd kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet tas-sajjieda Iżlandiżi.

Il-Marine Research Institute jagħmel diversi stħarriġ fil-baħar Iżlandiż biex ikun f'pożizzjoni jagħti l-pariri lill-awtoritajiet fuq il-kwantità tal-ħut li hemm u tinħadem il-kwota ta' kemm jista' jinqabad minn kull speċi.

Id-Direttorat tas-Sajd imbagħad jassigura li l-liġijiet ikunu mħarsa u kull qabda ta' ħut tiġi mwieżna u rreġistrata biex tinżamm id-data kollha kemm kienet il-qabda kif ukoll il-bastiment li kien involut. Il-gwardji tal-kosta wkoll jagħmlu spezzjonijiet biex jassiguraw li r-regolamenti qed jiġu obduti minn kull min ikun qiegħed jistad fl-ibħra esklussivi u ekonomiċi tal-Iżlanda.

Malta għandha ħafna fejn tista' tikkopera mal-Istitut Marittimu u xjentifiku Iżlandiż biex ukoll isir studju fl-ibħra Maltin fuq il-ħut u l-kwantità li teżisti u kemm dan qed jirnexxielu jipproduċi għal skopijiet kummerċjali. Dan l-istudju jservi wkoll biex titnaqqas kemm jista' jkun il-ħsara marittima u ambjentali u naraw kif nipproteġu aktar l-ekosistema madwar il-gżejjer Maltin. F'dan il-qasam, iż-żewġ Stati jistgħu wkoll jikkoperaw fil-qasam tal-akwakultura u jaqsmu wkoll l-esperjenza u l-prattiki addottati kif ukoll koperazzjoni ta' riċerka xjentifika biex dan is-settur ikompli jiżviluppa mingħajr ma jservi ta' dannu ambjentali.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista' tiddikjara x'passi ser tieħu sabiex jissudaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-Iżlanda?**

Jiena nemmem li r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Iżlanda għandhom ikunu fuq livell diplomatiku, politiku, kummerċjali, ambjentali u kulturali.

<u>Ħidma Diplomatika</u>

Il-ħidma ta' Malta flimkien mal-Iżlanda għandha tkun kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fuq livell multilaterali.

Tajjeb li tiġi intensifikata l-ħidma diplomatika bejn iż-żewġ pajjiżi b'mod immedjat anke għall-fatt li Malta qed tipprova tikseb appoġġ kbir kemm jista' jkun minħabba li pajjiżna ser ikun qed jikkontesta għal siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda bejn is-sena 2023-2024.

Malta wkoll ser ikollha bżonn appoġġ wiesa' kemm jista' jkun minħabba n-nomina tal-Professur David Attard biex jerġa' jservi ta' Mħallef fuq it-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar (ITLOS) f'Ġunju 2020.

Pajjiżna ġa kellu ħidma bilaterali mal-Iżlanda biex dan il-pajjiż appoġġja lil Malta terġa' tkun eletta mill-ġdid fuq il-Kunsill tal-IMO f'Diċembru 2019.

Min-naħa ta' Malta nipproponi li tagħti s-sapport kollu meħtieġ biex l-Iżlanda tkun eletta fuq il-Bord Eżekuttiv tal-UNESCO fl-2021.

Nipproponi u naħdem biex Malta jkollha Konslu Onorarju fl-Iżlanda fejn din il-kariga ilha vakanti minn meta Malta u l-Iżlanda stabbilixxew ir-relazzjonijiet diplomatiċi.

<u>Ħidma Politika</u>

F'din l-isfera, Malta wkoll għandha diversi trattati li ġew iffirmati matul dawn l-aħħar għoxrin sena minn meta ġew stabbiliti relazzjonijiet diplomatici bejn iż-żewġ gżejjer Stati, fit-3 ta' Lulju 1998.

Lista ta' trattati eżistenti bejn Malta u l-Iżlanda:

1. Travel Facilitation
2. Air Services Agreement
3. Avoidance of Double Taxation
4. Addendum to the Memorandum of Understanding on the implementation of the Norwegian Financial Mechanism 2004-2009
5. Memorandum of Understanding on the Implementation of the EEA Financial Mechanism 2014-2021 between Iceland, the Principality of Liechtenstein, the Kingdom of Norway and the Republic of Malta
6. The Agreement on the EEA Financial Mechanism for the 2014-2021 period was signed on 3 May 2016, with a total commitment of 1,548.1 million euro. The Agreement on the

Norwegian Financial Mechanism for the 2014-2021 period, with a total commitment of 1253.7 million euro, was also signed on 3 May 2016.

7. Two separate Memoranda of Understanding (MoUs), signed on 1 February 2017, among Norway, Liechtenstein, Iceland and Malta, on the Implementation of the EEA and the Norwegian Financial Mechanisms for the 2014-2021 programme period, Malta received €8 million from the other three countries (Iceland included): €4.4 million were allocated under the EEA Financial Mechanism, whilst €3.6 million were allocated under the Norwegian Financial Mechanism.

*L-informazzjoni fuq it-trattati qed titħalla bl-Ingliż biex tkun konformi mal-informazzjoni miksuba.*

Importanti li dawn it-trattati jiġu riveduti u mġedda skont il-ħtieġa kif ukoll inħarsu lejn oqsma ġodda fejn nistgħu nikkoperaw flimkien bħalma hi l-edukazzjoni u l-kultura.

Ħidma Kummerċjali

Qasam importanti li nixtieq li nibda naħdem fuqu hu li titwaqqaf kamra tal-kummerċ bejn Malta u l-Iżlanda biex flimkien inkunu nistgħu nesploraw niċeċ ġodda li permezz tagħhom inkunu nistgħu nżidu l-kummerċ bejn iż-żewġ gżejjer Stati. Għalhekk ser inkun qed niltaqa' mal-Kamra tal-Kummerċ Maltija u nipproponi biex delegazzjoni kummerċjali flimkien mal-Malta Enterprise u Trade Malta jżuru l-Iżlanda biex nistabbilixxu l-kuntatti inizjali biex flimkien nesploraw kif nistgħu nżidu l-kummerċ. Malta hija involuta f'diversi setturi importanti fejn l-Iżlanda tista' tkun interessata għal aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Dawn is-setturi jinkludu manifattura avvanzata, is-settur tas-servizzi, it-turiżmu, il-farmaċewtiċi, servizzi finanzjarji, avjazzjoni, industrija tal-films, settur marittimu, ICT, iGaming, korsijiet tal-lingwa Ingliża u Blockchain.

Ħidma Ambjentali

Pajjiżna għandu ħafna fejn jitgħallem minn dan il-pajjiż li qed jagħmel avvanzi kbar fejn jidħol il-qasam ambjentali, il-protezzjoni tal-baħar u t-tibdil fil-klima.

Fil-qasam ambjentali Malta tista' tesplora kif il-qasam ambjentali ta' pajjiżna jitjieb speċjalment fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2. L-Iżlanda għadha kemm fasslet miri f'dan il-qasam fejn iddikjarat li ser tkun qed tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO2 bi 30% sas-sena 2030 kif ukoll qed taddotta strateġija li tkun *carbon neutral* sas-sena 2040. Dawn huma miri ambizzjużi imma jeħtieġ li bħala pajjiż nibdew naħdmu fuqhom. Għalhekk l-esperjenza Iżlandiża hija importanti biex aħna nibdew naddottaw miri simili wkoll.

Inħoss il-bżonn, u ser inkun qed immexxi 'l quddiem, biex Malta tieħu l-esperjenza meħtieġa fejn tidħol il-konservazzjoni tal-baħar, kif ukoll l-effett fit-tibdil fil-klima li qed jaffettwa ż-żewġ gżejjer Stati. Dan hu evidenti ħafna fl-Iżlanda fejn ħafna silġ li ilu għal diversi snin qiegħed jinħall. Ser inkun qed nipproponi li jitwaqqaf kumitat tekniku bejn iż-żewġ pajjiżi biex flimkien naħdmu fuq dawn l-oqsma tant importanti għaż-żewġ pajjiżi u flimkien inwasslu messaġġ wieħed fil-fora internazzjonali

Ħidma Kulturali

L-aspett kulturali hu importanti għaż-żewġ pajjiżi iżda qajla kien hemm rabtiet kulturali. Fl-Iżlanda jeżistu kważi madwar 300 kor. Tista' tgħid li kull villaġġ għandu xi kor jew tnejn. F'dan il-qasam ser inkun qiegħed nipprova nagħmel il-kuntatti meħtieġa biex minn żmien għal żmien xi korijiet iżuru pajjiżna u anke possibbilment jieħdu sehem fil-festival annwali tal-korijiet li jsir f'pajjiżna.

Naħdem ukoll biex isiru skambji ta' studenti bejn iż-żewġ pajjiżi biex inkomplu nippromovu l-kultura u l-storja taż-żewġ gżejjer Stati.

**2. Tista' tindika fl-opinjoni tiegħek liema huma l-isfidi prinċipali f'din il-linja?**

Il-fatt li għad m'hemmx titjiriet diretti bl-ajru u distanza bejn Malta u l-Iżlanda hi waħda twila (3,911-il kilometru), tagħmilha sfida prinċipali bejn iż-żewġ pajjiżi. Trattat għall-ivvjaġġar bl-ajru ġa jeżisti u għalhekk din ser tkun ta' prijorità fil-ħidma tiegħi biex jekk inkun maħtur Ambaxxatur mhux residenti għall-Iżlanda nara li, jekk dejjem ikun possibbli, jibdew it-titjiriet bejn iż-żewġ pajjiżi. Jekk naslu għal dan il-ftehim ikun aktar faċli għaż-żewġ pajjiżi biex inkattru l-kuntatti ta' bejnietna.

**3. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti?**

Qatt ma kont involut f'ħidma diplomatika.

**4. Tista' tindika jekk kontx involut fil-preparazzjonijiet għall-Presidenza ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea?**

Ma kellix sehem dirett fil-preparazzjoni ta' pajjiżna għall-Presidenza però matul il-Presidenza ta' Malta għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea servejt ta' Liaison Officer ma' diversi delegazzjonijiet li kienu qed jieħdu sehem fil-laqgħat informali li kienu qed isiru f'Malta. Fost il-ħafna delegazzjonijiet li assistejt kienet dik tal-President tal-Kunsill Ewropew l-E.T. Donald Tusk u tal-Kabinett tiegħu flimkien ma' membri oħra tal-Protocol li kienu qed jakkumpanjaw il-President Tusk għas-*Summit* informali tal-Kapijiet tal-Gvern tal-Unjoni Ewropea. Għalija din kienet opportunità unika u servietni ħafna minn diversi aspetti speċjalment fejn jidħol il-Protocol. Fil-fatt, minn ġranet qabel is-*Summit* informali kont involut ma' parti mid-delegazzjoni tal-President biex flimkien inżuru l-postijiet fejn kellhom isiru l-attivitajiet relatati mas-*Summit* Ewropew kif ukoll rajna flimkien it-tħejjija loġistika / u dik tas-sigurtà marbuta ma' dan l-avveniment li sar f'pajjiżna fl-2017.

**5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Gvern jew f'xi segretarjat politiku?**

Kont impjegat tal-Gvern għal ftit xhur mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Uffiċċju Meterjoloġiku. Qatt ma kont impjegat ta' xi segretarjat politiku.

**6. Tista' tiddikjara jekk l-impjieg preżenti tiegħek huwiex ta' konflitt ta' interess?**

L-impjieg preżenti tiegħi huwa ta' Kap ta' Dipartiment (Aeronautical Information Management) mal-Malta Air Traffic Services Ltd, u dan mhu ser ikollu l-ebda konflitt ta' interess fix-xogħol diplomatiku li ser inkun qed inwettaq.

**7. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?**

Le. L-uniku passaport li għandi hu ta' Malta.

**8. Tista' tindika f'liema linja akkademika ddiriġejt l-istudji tiegħek?**

Wara li spiċċajt l-iskola sekondarja bdejt nattendi l-Istitut Tekniku fejn ksibt Higher Technician Diploma HTD (Electrical & Electronics).

Aktar tard waqt li bdejt naħdem, bdejt nattendi kors li wassalni għal *Diploma fil-Management* mill-Università ta' Malta.

Komplejt nistudja l-Università ta' Malta u attendejt b'suċċess kors ta' Baċellerat tal-Arti u *Masters* fil-Filosofija u Teoloġija.

Ksibt ukoll il-*warrant* ta' għalliem mill-Council for the Teaching Profession.

Però x-xewqa tiegħi dejjem kienet il-politika internazzjonali speċjalment dak li jkun qed jiġri madwarna fil-Mediterran. Għalhekk fl-2013 bdejt u spiċċajt b'suċċess kors ta' *Masters* fid-Diplomazija u r-Relazzjonijiet Internazzjonali mal-Università ta' Lancaster biex inkun nista' nifhem u nanalizza aħjar is-sitwazzjoni internazzjonali.